

# PROGRAMM

## FESTA S. ANTNIN

## B'KARA

## 26 TA' GUNJU 1977

Richard
Busuttil

TUBULAR & MAHOGANY
FURNITURE WORKS

Showroom:
116, Mannarino Road,
B'Kara - Malta
Tel: 42257

Factory:
37, Psaila Street,
B'Kara - Malta
Tel: 42257

# Kelmtejn ta' Qabel mill-Prokuratur tal-Festa

Huwa tabilhaqq pjacir tieghi li ghal darb'ohra nikteb dawn il-kelmtejn lid-DEVOTI u lill-HBIEB taghna kollha. Sant' Antnin ta' Padova rega' wasal. Ahna ilna s-sena kollha nistennew dan ix-xahar ta' GUNJU li fih naghmlu il-festa tal-Qaddis taghna. Nista' nghid ukoll li ilna s-sena kollha nahdmu biex il-festa taghna tkun sabiha u tikber dejjem aktar. Ftit huma dawk li jafu kemm xoghol trid biex taghmel festa. Min hu midhla taghna jaf tajjeb kemm sagrificcji trid taghmel biex thejji xoghol gdid u kemm trid thabbel rasek biex tigbor u tqassam il-flus skond il-pjan li fuqu jsir it-tfassil tal-festa kollha ta' gewwa l-Knisja u ta' barra.

Izda gheziez hbieb taghna l-ghajnuna hija kbira. Id-dilettanti tal-festa u hbieb tal-qalb taghna huma dejjem qrib taghna fix-xoghol u f'kull hidma mehtiega. Nixtieq nirringrazzja lil dawn il-hbieb taghna kollha. Irrid nirringrazzja lill-BENEFATTURI kollha taghna. Sant' Antnin ihallaskom u jaghtikom kull gid fir-ruh u fil-gisem.

Ix-xoghol li sar matul din is-sena huwa kbir. Izda l-ferh li qed ingarrbu huwa akbar ghax Sant' Antnin hu l-Qaddis ta' qalbna u lilu nqimu u ghalih nahdmu.

**P. Alfred Calleja O.F.M. Konv.**

# FIRST & LAST STORE

17, MSIDA STREET
BIRKIRKARA

*For Various Kinds of*
*Gifts for Every Occasion*

HOUSEHOLD GOODS OF EVERY KIND

# Manuel's



AUTO PARTS & ACCESSORIES

*Redex Products -*

*Turtle Wax Products -*

*A Variety of*

*Parts & Accessories*

Door & Car Keys Cut While
You Watch

35c, MANNARINO ROAD,
B I R K I R K A R A .
TEL: 43773/42312

# PROGRAMM

## L-Erbgha, 22 ta' Gunju

7.00 p.m. Quddiesa bil-kant: Celebrant u Predikatur ser ikun il-W. R. Kappillan Dun Alfred Xuereb; Innu, Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika.

## Il-Hamis, 23 ta' Gunju

7.00 p.m. Quddiesa bil-kant; Celebrant u Predikatur ser ikun il-W.R. Patri Guzepp Beneditt Xuereb OFM; Innu, Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika.

## Il-Gimgha, 24 ta' Gunju

7.00 p.m. Quddiesa bil-kant: Celebrant u Predikatur ser ikun il-W.R. Patri Stiefnu Barbara OFM Kapp. Innu, Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika.
Illum il-Banda KONTI RUGGIERU tar-Rabat ser taghmel MARCI brijjuzi mat-toroq Wignacourt Str. Psaila Street, Dun Filippu Borg Street, St. Mary Street u Msida Street. Wara takkumpanja l-Istatwa ta' Sant' Antnin fi Msida Street.

## Is-Sibt, 25 ta' Gunju: Lejliet il-Festa

6.45 p.m. Trazlazzjoni Solenni u wara quddiesa bl-Omelija mill-W.R. Provincjal P. Elija Vella OFM Konv Innu, Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika.
Fit-8.00 p.m. Marci brijjuzi mill-BANDA SANTA LIENA li tghaddi minn dawn it-toroq: Mannarino Road, Dun Filippu Borg Street, Psaila Street, St. Mary Str. Mannarina Rd. St. Roque Street u Msida Street.
Wara l-Marc issir wirja sabiha ta' Loghob tan-Nar mahdum minn Ganni Vella ta' l-Imgarr.
Hruq ta' set ta' Murtali tal-Kulur.

## Il-Hadd, 26 ta' Gunju: Jum il-Festa

Quddies fil-ghodu: 6.15 a.m., 7.15 a.m., 8.15 a.m.: 9.30 a.m. 11.00 a.m.
Fis.6.30 p.m. QUDDIESA PONTIFIKALI bil-Panegirku mill-Ecc. Tieghu Mons. REDENT GAUCI O.C. Fit-7.45 p.m. tohrog il-Purcissjoni mmexxija mill-W.R. Patri Gwardjan, P. RUGGIER CAMILLERI OFM Konv.
Mad-dhul tal-Purcissjoni: Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika.
Il-BANDA DUKE OF CONNAUGHT takkumpanja l-Purcissjoni. Wara l-Purcissjoni l-istess BANDA taghmel MARC BRIJJUZ f'Imsida Street bhala eghluq tal-Festa.
Ghall-ewwel darba f'JUM IL-FESTA ser iddoqq il-KING'S OWN BAND (Valletta). Il-Banda ser taghmel marci f'dawn it-toroq: Mannarino Road, St. Roque Street, u Msida Street. Wara taghmel PROGRAMM fuq iz-zuntier tal-Knisja. Waqt id-dhul tal-Istatwa l-Banda iddoqq l-INNU l-GDID bil-KOR tat-TFAL TA' BIRKIRKARA taht it-tmexxija tal-Kan. Dun Vincenz Demicoli.
Il-Kant tat-TRIDU ser ikun mis-ST. FRANCIS CHOIR ta' B'Kara;
Il-Kant tal Lejliet u Nhar il-Festa ser isir mis-ST. FRANCIS CHOIR, Valletta taht id-direzzjoni ta' P. Thomas Moore OFM Konv.
Il-Hruq tan-NAR waqt il-funzjonijiet tal-FESTA nhadem mis-Sinjuri: KUSTANZ MIFSUD u SALVU GRIMA.

# INKABBRU DEJJEM IL-FESTA

Hafna minn dawk li jigu ghall-festa taghna, drawna sewwa issa. Kull darba li jigu erhilhom iharsu u jfittxu l-OPRI GODDA kemm fit-toroq taghna u kemm fil-knisja. U jaghmlu sewwa jekk jaghtu kas ghax ahna kull sena minghajr ebda eccezzjoni, qed inzanznu opri godda KBAR.

Is-sena l-ohra habbarna i ghandha tasal STATWA GDIDA tal-injam mill-Italja. Ghalkemm waqt li qed niktbu dawn il-kliem l-Istatwa ghadha fuq il-bahar, nittamaw li tkun ghandna fil-hin u tohrog ghall-purcissjoni. Hajr kbir imur ghall-Benefattur tagbha: Mr. Richard Kind u l-familja tieghu. Ahna nafu kemm taqtigh ta' qalb ilha tiswielu din-l-imbierka ta' STATWA.

Il-PEDISTALL mixtri mill-Kumitat tal-Festa s-sena l-ohra, issa lest ukoll. Gie indurat u jixraq hafna lill-Istatwa l-gdida.

BRADELLA gdida: Hekk hu xieraq li nhejju kollox addattat ghal kobor u sbuhija ta' l-Istatwa. Dan sar ukoll ghax lestejna Bradella gdida, xoghol tas-sew sabih mahdum mill-Imghallem is-Sur Guzeppi Gauci ta' B'Kara.

PAVALJUNI GODDA: Hajr minn qalbna imur ghal famuz dekoratur karkariz, is-Sur John Briffa. Hajr minn qalbna ghal habib kbir taghna ghax ix-xoghol kbir li ghamel f'dawn il pavaljuni, barra li huwa xoghol ta' artist fin u attent, sar b' xejn u minn qalbu. Permezz ta' din il-pagna, nixtieq li kull min qed jaqra' dawn il-kliem jitlob ghall-mara mejta tas-Sur Briffa li kienet u ghadha tant ghal qalbu.

Hajr imur ghas-Segretarju tal-Kumitat: Victor Mizzi li hallas l-Innu l-Gdid ta' Sant' Antnin, kompost mis-Surmast Philip Gatt, u kliem ta' P. Alfred Calleja.

Hajr kbir imur ghall-KUMITAT kollu. Ma rrid ninsa lil hadd. Anzi biex nuri kemm jiena grat lejhom, irrid nghid quddiem kulhadd li minghajrom jiena ma nista' naghmel xejn. Dawn huma l-qalb tal-festa taghna. Hbieb taghna naghmlu kuragg u nkomplu nahdmu .....

Hajr imur ukoll lill-familji ta' madwarna. Kull meta habbatna l-bieb fethulna u tawna bil-qalb. Ahna hsibna fikom ukoll. Nittamaw li nkomplu aktar 'l quddiem.

---


A First Class Shooter
Needs A First Class Shotgun
Franchi is The Shotgun For You

**FROM;**

# THE PELICAN

Birkirkara

# F. Busuttil
## IRONMONGERY

*Specialised in*

## FRAMEMAKING

6 & 115 Mannarino Road,

BIRKIRKARA.

Tel. 44615

## INNU POPOLARI LILL-SANT'ANTNIN TA' PADOVA

Minn twelidek imzejjen b'ruh safja
Bajda bhal gilju w gizimin
Fuq wiccek fiss dehret il-qlubija
kburitek O kbir Sant'Antnin.

B'liema kobor ta' hegga w ta' hniena
il qlub mill-qerq tad-dinja dawwart
L'Alla berikt kull hin u lill-hziena
Mill-Ghajn ta' l-ilma safi Fawwart.

RITORNELL: Sliem ghalik, Antonju taghna
Gieh tal-morda w l-fqajrin,
Lejk jersqu t-tfal dahkana
Bik l-iltiema mghejjunin.

Il-gid chadt u b'wirtek ridt il-faqar,
B'ghana kellek lill-Gesu Bambin
Mirakli daqs l-ilma fil-bahar
Jaghtik dejjem ghall-hutek imtaqqlin.

Ixhet fuqna kull barka, kull grazzja:
O Antonju aghllimna nixbhuk.
Zommna mieghek fil-hemm ta' dil-hajja,
Sabiex nibqghu dejjem inhobbuk.

RITORNELL: Sliem ghalik, Antonju taghna,
Gieh tal-morda u l-fqajrin.
Lejk jersqu t-tfal dahkana,
Bik l-iltiema mghejjunin.

P. ALFRED CALLEJA




SAN GWAKKIN PRESS B'KARA - MALTA.